**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2016**

**Kawża Nru 43**

**Rik. Nru. 281/10JRM**

Joseph Emanuel *sive* Joseph **BORDA**

vs

Josianne **CIANTAR BONNET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Marzu, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrka serqet, immisappropprijat u ħadet indebitament mingħandu l-oġġetti kollha mniżżla fid-dokument JBI anness mar-Rikors Maħluf; u (b) tikkundannaha tħallsu l-ammont ta' tletin elf, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€30,254,57) rappreżentanti l-valur tal-oġġetti misruqa, misapproprijati u meħuda mingħandu u bi ħsara

għalih. Talab ukoll l-ispejjeż, inkluż dawk marbuta mal-mandati kawtelatorji pprezentati kontra l-imħarrka;

Rat id-digriet tagħha tat-5 ta' April, 2010[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-14 ta' April, 2010[2], bil-lista ta' l-ismijiet tax-xhieda li kien fi ħsiebu jressaq;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-19 ta' Mejju, 2010, li biha l-imħarrka tilqa' fil-mertu billi tiċħad li l-ammont pretiż mill-attur huwa dovut; illi l-attur kien jaf li l-imħarrka kienet tieħu xi oġġetti għaliha u kien jaqtagħhomlha mill-paga; illi, minbarra l-imħarrka, kien hemm jaħdmu fil-ħanut impjegati oħra u l-i*stock-taking* sar wara ħames snin minn impjegata li kienet tagħti fastidju lill-imħarrka; illi fil-proċeduri kriminali, l-imħarrka ammettiet li serqet lill-attur biex tieħu vantaġġ mit-tnaqqis tal-piena u bla ħsara għall-pożizzjoni li kellha tieħu fil-proċeduri ċivili, billi l-akkuża ma kinitx tindika l-ammont pretiż mill-attur f'din il-kawża. Ittemm tgħid illi l-oġġetti ngħataw lura lill-attur u għaldaqstant m'għandha tagħtih xejn lura;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2010[3], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2012 [4] li bih u għar-raġunijiet imsemmija ċaħdet talba magħmula mill-imħarrka b'rikors tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2012[5], biex l-attur iressaq kopja tal-*audited accounts* u denunzji tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud għas-snin 2004 sa 2009, u biex il-Qorti taħtar espert tal-*computer* u matematiku bix jgħarblu l-provi mressqa mill-attur;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2013[6], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet talba magħmula minn Christine Borda b'rikors tagħha tad-29 ta' Lulju, 2013[7], biex tassumi l-atti tal-kawża flimkien mal-attur;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

---

[1] Paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[2] Paġġ. 17 – 8 tal-proċess
[3] Paġ. 21 tal-proċess
[4] Paġġ. 478 tal-proċess
[5] Paġġ. 476 – 7 tal-proċess
[6] Paġ. 566 tal-proċess
[7] Paġġ. 554 – 5 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[8], li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-23 ta' Settembru, 2015[9], imressqa mill-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fil-25 ta' Mejju, 2016[10], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2016, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal rifużjoni ta' flejjes rappreżentanti l-valur tal-oġġetti li l-attur jgħid li l-imħarrka serqet, tat jew żammet għaliha minn wara dahru matul iż-żmien li kienet impjegata miegħu;

Illi min-naħa tagħha, l-imħarrka tilqa' billi tgħid li l-ammont pretiż mill-attur huwa eċċessiv u dak li ħadet mill-ħanut tagħtu lura, u għaldaqstant m'għandha tagħtih xejn lura;

Illi bħala <u>fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa sid ta' ħanut tal-ġojjellerija bl-isem ta' "*Artemis Jewellery & Gifts*" fi Triq ix-Xatt, ġewwa Wied il-Għajn li huwa fetaħ f'April tal-2005. L-imħarrka kienet impjegata miegħu bħala *salesgirl* f'dan il-ħanut bejn is-snin 2005 u 2009[11];

Illi fl-aħħar tas-sena 2008, l-attur jistqarr illi sab nieqes arloġġ li jintlibes mill-irġel, li kien ħalla f'kamra li kienet tagħmel mal-ħanut u tintuża bħala *store*. Madwar seba' xhur wara dan l-istess arloġġ rah fuq ritratt f'idejn terzi. Dan l-arloġġ kien ingħata bħala rigal lit-terz mill-imħarrka mingħajr ma kienet ħallset lill-attur għalih. Xhur wara, l-imħarrka ammettiet mal-attur illi kienet ħadet numru ta' oġġetti oħrajn u li ma kinitx qaltlu dwarhom u bla ma ħallsitu tagħhom. Hija niżżlet lista ta' dawn l-oġġetti

[8] Paġ. 711 tal-proċess
[9] Paġġ. 712 – 9 tal-proċess
[10] Paġġ. 725 – 9 tal-proċess
[11] Affidavit tal-attur f'paġ. 117 tal-proċess

fuq karta[12], u l-ammont tagħhom kien jaqbeż il-valur ta' elf euro (€1,000)[13];

Illi l-imħarrka, flimkien ma' żewġha, marru għand l-attur biex iħallsuh tal-oġġetti, iżda huwa rrifjuta l-ħlas[14];

Illi l-attur jgħid li wara dan l-inċident għamel *stock-taking* u rriżultalu numru ta' oġġetti neqsin li ġabarhom f'żewġ listi, waħda magħmula minn oġġetti tal-ġojjellerija tad-ditta[15], u l-oħra magħmula minn oġġetti tal-fidda[16]. Din kienet l-ewwel darba kemm kien ilu bin-negozju illi l-attur għamel *stock-taking*. It-total ta' l-oġġetti li ma nstabux fil-ħanut meta mqabbla mal-fatturi tal-oġġetti tal-ġojjellerija mixtrija kienu jammontaw għal tletin elf mitejn u erbgħa u ħamsin euro u seba' u ħamsin ċenteżmi (€30,254.57), li hija s-somma li qiegħed jitlob f'din il-kawża. Fost dawn l-oġġetti, kien hemm dawk li l-imħarrka kienet stqarret miegħu illi kienet ħadet minn jeddha bla ma ħallset tagħhom;

Illi f'Ottubru tal-2009, l-attur daħħal rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Haż-Żabbar, u minn stħarriġ li wettqet il-Pulizija għand l-imħarrka, sabu numru ta' oġġetti li kienu jsejħu lill-attur b'sidhom. Il-Pulizija identifikaw numru ta' nies illi kienu laqgħu oġġetti mogħtijin lilhom mingħand l-imħarrka bħala rigal jew bi tpaċija għal servizzi li kienet irċeviet mingħandhom. L-oġġetti ġew elevati mill-Pulizija[17] u ġew immarkati fuq il-listi mogħtija lill-Pulizija mill-attur[18]. Kien hemm ukoll tnax-il (12) oġġett illi ġew elevati mid-dar tal-imħarrka, iżda li ma jinstabux fil-lista mogħtija lill-Pulizija mill-attur[19];

Illi l-Pulizija ħadet żewġ stqarrijiet mingħand l-imħarrka[20]. Minn fost l-oġġetti li nstabu mill-Pulizija, l-imħarrka ammettiet illi minn jeddha ħadet il-biċċa l-kbira minnhom mingħajr ma kienet ħallset tagħhom, filwaqt illi kien hemm oħrajn illi hija tgħid li ħallset għalihom iżda ma kellhiex riċevuti ta' ħlas tagħhom x'turi. Lil hinn mill-oġġetti li nstabu mill-Pulizija, l-imħarrka tiċħad li kellha x'taqsam magħhom[21]. Il-Pulizija kienu sabu wkoll "*tag*" fil-portmoni tal-imħarrka ta' oġġett tal-fidda li rriżulta li kien

12 *Ibid* paġġ. 120 – 2 tal-proċess

13 Il-valuri mniżżla fl-affidavit tal-attur jammontaw għal €976.52, iżda hemm numru ta' oġġetti li m'għandhomx valur fi flus imniżżel ħdejhom

14 Dok. "LC", affidavit ta' Lawrence Ciantar f'paġ. 571 tal-proċess

15 Dok. "FF7" f'paġġ. 35 – 9 tal-proċess għall-valur ta' €17,504.87

16 Dok. "FF8" f'paġġ. 40- 3 tal-proċess għall-valur ta' €12,749.70

17 Xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġġ. 65 – 9 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "FF1", "FF2" u "FF5" f'paġġ. 33 – 4 ; Dok. "FF9", Dok. "FF11", Dok. "FF13" f'paġ. 44 – 6 tal-proċess; u Dok. "FF3", Dok. "FF4". Dok. "FF6", Dok. "FF10", Dok. "FF12", Dok. "FF14", Dok. "FF19", u Dok. "FF20" f'paġ. 63 tal-proċess

18 Kontroeżami tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġ. 427 tal-proċess

19 "Dok. FF18" f'paġ. 61 tal-proċess. Ara kontroeżami tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġ. 430 tal-proċess

20 Dok. "FF16" f'paġ. 48 – 55 tal-proċess u Dok. "FF17" f'paġġ. 56 – 60 tal-proċess

21 Xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġ. 69 – 70 tal-proċess. Ara wkoll kontroeżami tal-Ispettur Fleri f'paġ. 428 tal-proċess

ukoll wieħed mill-oġġetti nieqsa fuq il-lista mogħtija lill-Pulizija mill-attur[22] u li l-imħarrka kienet stqarret li nsiet x'kienet għamlet bihom[23];

Illi mill-istħarriġ li għamlet il-Pulizija, ma rriżultalhomx b'ċertezza illi l-oġġetti li ma nstabux minnhom u li l-imħarrka ċaħdet li ħadet, kienet fil-fatt ħadithom hi[24];

Illi, mill-banda l-oħra, lill-Pulizija irriżultalha illi kien hemm imwaħħla mal-kompjuter tal-attur fil-ħanut xi "*tags*" ta' oġġetti illi l-attriċi kienet qalet illi ħadet u li bihom kienet għarrfet lill-attur. Dawn l-oġġetti ma ġewx eżebiti bħala prova mill-Pulizija u ma kinux jiffurmaw parti mill-istħarriġ tagħha[25];

Illi dwar dak li rriżultalha l-Pulizija mill-investigazzjonijiet tagħha, l-imħarrka ġiet akkużata li serqet ħwejjeġ l-attur għall-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u erbgħin ċenteżmi (€2329.40)[26];

Illi fl-24 ta' Marzu, 2010[27], waqt proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-imħarrka ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha u b'sentenza mogħtija dakinhar instabet ħatja tal-ewwel akkuża ta' serq mill-ħanut tal-attur;

Illi fis-26 ta' Marzu, 2010, infetħet din il-kawża u nħarġu mandati kawtelatorji kontra l-imħarrka[28];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-kawża, xieraq li jingħad li din hija azzjoni li tinbena fuq xilja ta' serq jew misapproprijazzjoni illi l-attur jgħid illi l-imħarrka wettqet bi ħsara għalih u b'abbuż tal-pożizzjoni li kienet tokkupa bħala impjegata tiegħu. Huwa qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta' flejjes rappreżentanti l-valur ta' oġġetti ta' ġojjellerija li l-attur jgħid li nsterqu jew kienu misappropprijati mill-imħarrka waqt li kienet f'dak l-impieg. L-imħarrka, filwaqt illi tammetti illi ħadet oġġetti li kienu tal-attur u li ma ħallsitux tagħhom, tiċħad illi dawn kienu jissarfu f'valur għal aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000);

Illi ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. Kemm mill-att promotur innifsu u kif ukoll mill-argumenti mressqa fis-sottomissjonijiet tal-għeluq mill-attur, jidher li r-rifużjoni li l-attur qed jippretendi li jiġbor

[22] Kontroeżami tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġġ. 428 – 9 tal-proċess. Ara wkoll "Dok. FF15" f'paġ. 47 tal-proċess
[23] *Ibid* paġ. 431 tal-proċess
[24] *Ibid* paġ. 70
[25] *Ibid* paġ. 432 tal-proċess
[26] Dok. "FF21" f'paġ. 62 tal-proċess
[27] Sentenza f'paġġ. 23 – 5 tal-proċess
[28] Xhieda ta' l-imħarrka f'paġ. 543 tal-proċess

mingħand l-imħarrka hija l-valur ta' dak kollu illi rriżultalu nieqes wara li għamel l-eżerċizzju tal-i*stock-taking*;

Illi bħala prova ewlenija li l-imħarrka tabilħaqq taħti għall-għemil li jixliha bih – is-serq u t-teħid tal-oġġetti mingħajr ir-rieda tiegħu – l-attur joqgħod ħafna fuq l-istqarrijiet magħmula mill-imħarrka lill-Pulizija u fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li sabet il-ħtija fl-imħarrka wara li kienet hi li stqarret ħtijietha quddiem dik il-Qorti. Għalkemm l-imħarrka tgħid li dik l-ammissjoni irreġistratha minħabba tnaqqis fil-piena u wara li l-Prosekuzzjoni ma baqgħetx tisħaq aktar fuq l-akkuża tar-riċettazzjoni, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-għemil li bih l-attur jixli lill-imħarrka ntwera li tassew seħħ. Huwa minnu li l-proċediment kriminali u dak ċivili jitmexxew għal rashom u li l-grad ta' prova fil-wieħed u fl-ieħor mhumiex l-istess. Iżda l-Qorti taqbel mal-attur meta jargumenta li l-ammissjoni ta' persuna mixlija fi proċedura kriminali u s-sejbien tal-ħtija b'sentenza quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali huma prova li Qorti ta' kompetenza ċivili tista' toqgħod fuqha dwar il-fatt relattiv[29]. Mhux hekk biss, iżda ammissjoni bħal dik tissarraf fi stqarrija bl-istess mod kif bil-liġi tista' titqies bħala prova ammissibbli xi dikjarazzjoni bħal dik[30];

Illi ġaladarba mhux kontestat minn ebda parti li l-imħarrka ħadet oġġetti li mhux tagħha meta kienet impjegata mal-attur, u għaldaqstant kellha l-fiduċja kollha tiegħu, minħabba l-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka, dak li għandu jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti huwa (i) x'kienu l-oġġetti li serqet l-imħarrka; u (ii) x'inhi l-ħsara mġarrba mill-attur minħabba f'dak is-serq;

Illi biex is-sehem tal-persuna responsabbli mill-att inissel il-ħtija u r-responsabbilta' li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert[31];

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[32]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti

[29] P.A. AE **17.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Aġius vs Steve Magro et*** (mhix appellata)
[30] Art. 632(1) tal-Kap 12
[31] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix appellata)
[32] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[33];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[34] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[35]. Fil-każ ta' azzjoni għal ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana, il-parti attriċi trid tipprova kemm il-fatt (l-għemil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mħarrka u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li jkun ikkawża l-ħsara mġarrba;

Illi għar-rigward tal-**identifikazzjoni tal-oġġetti li serqet l-imħarrka**, l-attur jistrieħ fuq l-ammissjoni tal-imħarrka waqt il-proċeduri kriminali miġjuba kontra tagħha. Fi kliem l-attur, ġaladarba hija ammettiet li serqet b'valur ta' aktar minn elf lira Maltin (ekwivalenti għal €2,329.40), u mill-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta illi l-oġġetti li serqet l-imħarrka kienu mniżżla fost uħud mill-oġġetti li l-attur jistqarr illi sab nieqsa mill-ħanut tiegħu, isegwi li l-imħarrka għandha tinstab li serqet ukoll l-oġġetti l-oħra indikati fiż-żewġ listi li l-attur għadda lill-Pulizija jew dik li l-attur hemeż mar-rikors promotur u li jissemma Dokument JB1[36];

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrka tgħid illi hija responsabbli biss għal dawk l-oġġetti li nstabu b'riżultat tal-investigazzjoni u ma tistax tinstab ħatja ta' serq ta' oġġetti oħrajn. B'mod partikolari, hija tqajjem l-argument li l-attur kien bla kont fiż-żamma tat-tagħrif dwar l-istokk aġġornat. Tgħid ukoll li ma huwiex minnu li kienet l-impjegata waħdanija fil-ħanut, u tisħaq li, fl-aħħar xhur tal-impieg tagħha, kien hemm impjegata oħra li kienet għamlitilha ħajjitha infern u kellha għaliex twaħħal fiha li serqet lill-attur;

Illi kif jingħad minn dawn il-Qrati, "*Fil-kamp ċivili l-ġudikant għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu neċessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili*[37];

Illi l-Qorti għarblet il-provi dokumentali mressqin biex isostnu l-ammont mitlub fl-ewwel talba attriċi. Jirriżultalha illi l-attur tul is-snin li kien fin-negozju, qatt ma għamel *stock-taking*, u kien biss fis-sena 2009 li qabbel il-bejgħ mal-istokk li kellu. L-attur ressaq bħala xhieda nies li lkoll ikkonfermaw li laqgħu mingħand l-imħarrka oġġetti tal-ġojjellerija li kienet tinbiegħ mill-ħanut tiegħu. Minn naħa tal-imħarrka, din kienet tisraqhom

[33] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[34] Art. 562 tal-Kap 12
[35] Art. 559 tal-Kap 12
[36] L-ewwel talba attriċi f'paġ. 2 tal-proċess
[37] App. Ċiv. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et***

għal żewġ skopijiet: jew biex tagħtihom rigal, jew biex tħallas dak li kien dovut minnha. Iżda ix-xhieda li ressaq l-attur u dak li elevat il-Pulizija wara li temmet l-istħarriġ tagħha kienu biss ftit oġġetti mill-ġojjellerija illi l-attur jgħid illi ma sabx u li issa qiegħed jippretendi l-ħlas tagħhom mingħand l-imħarrka;

Illi l-attur jgħid li l-oġġetti li sab nieqsa meta għamel l-eżerċizzju tal-i*stock-taking* kellu x'juri li kien xtrahom kollha[38] u li xtrahom meta l-impjegata waħdanija kienet l-imħarrka[39]. Stqarr ukoll li matul iż-żmien rilevanti, ma kienet saret l-ebda serqa oħra mill-ħanut. Fisser li l-listi li ressaq lill-Pulizija kienu jirreferu għall-prezz li bihom huwa kien xtara l-oġġetti li nstabu nieqsa. Qal ukoll li, wara li temm l-impieg tal-imħarrka, ma reġa' sab l-ebda nuqqasijiet fl-istokk li ma kinux jidhru fil-bejgħ li jkun sar mill-ħanut;

Illi ma tresqet ebda prova illi l-imħarrka kellha flus f'xi kont bankarju illi setgħu ġew mill-bejgħ ta' dawn l-oġġetti, u li l-akkuża kriminali fil-konfront tal-imħarrka nħarġet biss għar-rigward tal-oġġetti elevati;

Illi l-imħarrka tixħet dubju wkoll fuq l-mod kif l-attur kien imexxi n-negozju tiegħu. Tgħid li kellu żewġ sistemi ta' rendikont ta' bejgħ, waħda kemm verament kien jaqla' u l-oħra li kienet tintuża għal skopijiet ta' ħlas ta' taxxa (VAT)[40]. Tgħid ukoll illi l-attur kien jaħbi mill-mara tiegħu kemm kien qed jagħmel qliegħ[41], u li ta spiss kien jiġi fil-ħanut impjegat mill-kumpannija Philip Toledo li flimkien mal-attur, kienu jqattgħu ħin jaħdmu fuq is-sistema kompjuterizzat li l-attur kien juża fil-ħanut[42];

Illi għalkemm wieħed jista' jifhem li min ikun imdaħħal f'ħaġa bħal din qajla jasal biex jammetti dak kollu li seta' dawwar favurih[43], bħala fatt l-attur ma rnexxilux jipprova illi l-ġojjellerija illi ma sabx wara l-eżerċizzju tal-*istock-taking* serqitu kollu l-imħarrka, u għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib nuqqas fl-imħarrka għal oġġetti nieqsa illi ma nġabetx prova tagħhom. B'mod partikolari, il-Qorti ssemmi x-xhieda tal-Ispettur li stħarreġ il-każ u li xehed li wħud mill-oġġetti li l-attur kien semma fiż-żewġ listi li tah kien l-attur innifsu li qallu li jew kienu nxtraw jew kien hemm minnhom li kien tahom b'rigali huwa nnifsu[44]. Minbarra dan, fil-każ tal-lum uħud mill-oġġetti li l-imħarrka ħadet mill-ħanut tal-attur intraddu lura lill-Pulizija u, wara li ntemmu l-proċeduri kriminali kontra l-

[38] Ara d-dokumenti f'paġġ. 132 sa 312 tal-proċess
[39] Affidavit tiegħu f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess
[40] Dak li hi ssejjaħlu "Z" reading
[41] Affidavit tal-imħarrka f'paġ. 409 tal-proċess
[42] Xhieda tal-imħarrka f'paġ. 551 tal-proċess
[43] Dan seta ġara fil-każ tat-'*tag*' li l-Ispettur Fleri jgħid li sab fil-portmoni tal-imħarrka u li ma kenitx f'qagħda li tagħti spjegazzjoni għaliha. Ara kontro eżami tal-Ispettur Fleri f'paġ. 428 tal-proċess
[44] Xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri f'paġġ. 69 – 70 tal-proċess

imħarrka, tressqu mill-istess Uffiċjal Prosekutur fl-atti ta' din il-kawża u jistgħu jittieħdu lura mill-attur, kif sewwa tissottometti l-imħarrka fl-argumenti tal-għeluq tagħha;

Illi għar-rigward tal-**ħsara mġarrba mill-attur** minħabba s-serqa mill-imħarrka, l-attur qed jippretendi mingħandha r-rifużjoni tas-somma ta' tletin elf mitejn u erbgħa u ħamsin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€30,254.57). Min-naħa l-oħra, l-imħarrka tgħid illi l-oġġetti ġew mogħtija lura lill-attur u għaldaqstant m'għandha tagħti ebda flejjes[45];

Illi jekk wieħed kellu jqis din l-eċċezzjoni tal-imħarrka bħala l-"*exceptio soluti*", ikun jeħtieġ li l-eċċipjenti tressaq prova tajba ta' riċevuta tal-ħlas li hija tippretendi li wettqet. Mill-atti tal-kawża ma tirriżulta l-ebda riċevuta. Għall-kuntrarju, kif jgħid żewġ l-imħarrka, hu u hi kienu marru għand l-attur biex joffrulu l-ħlas u dan ma laqagħhomx. Għalkemm il-ħlas jista' jintwera u jkun ippruvat b'kull mod li l-liġi tippermetti, l-irċevuta tibqa' dejjem l-aħjar prova tal-ħlas. Fil-każ tal-lum, l-imħarrka ma ressqet l-ebda prova tajba li hija ħallset lill-attur tal-oġġetti li ħadet mingħandu bla ma ħallsitu tagħhom. Li ġara biss huwa, kif diġa' ngħad, li parti mill-oġġetti li hija ġarret minn ġol-ħanut intraddu lill-Pulizija u l-attur jista' jiġborhom;

Illi huwa prinċipju stabbilit li r-responsabbilta' ta' min jagħmel ħsara doluża lil ħaddieħor hija limitata għal dawk id-danni immedjati u diretti li jitnisslu mill-għemil doluż. B'dan il-mod, il-liġi trid tevita li min jagħmel dik il-ħsara jkun irid iwieġeb ukoll għal kull għamla oħra ta' ħsara, mqar jekk tkun waħda ta' konsegwenza remota[46]. Għalhekk, "*fejn id-danni ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati jew stabbiliti fl-ammont preċiż tagħhom, m'għandux ikun eskluż illi l-ġudikant jirrikorri għal valutazzjoni ekwitativa bl-applikazzjoni tal-prinċipju ex aequo et bono*"[47];

Illi, kif ingħad aktar qabel, il-Qorti mhix konvinta illi l-ammont kollu ta' €30,254.57 mitlub mill-attur jirrappreżenta l-valur ta' ġojjellerija misruqa mill-imħarrka. Mill-provi mressqa u kif jirriżulta aktar 'il fuq, l-oġġetti li nstabu mill-Pulizija kellhom valur li kien jaqbeż sewwa l-elf lira Maltin[48], u wara li ntemmet l-investigazzjoni, dawk l-oġġetti ġew elevati u llum jagħmlu parti mill-atti tal-kawża[49];

Illi, lil hinn minn hekk, il-Qorti ssib li l-attur ma seħħlux juriha x'inhu l-valur eżatt tal-oġġetti li l-imħarrka serqet mingħandu. Il-Qorti ma tistax

[45] Ħames eċċezzjoni tal-imħarrka f'paġ. 19 tal-proċess
[46] App. Ċiv. **26.11.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Moore*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.249**)
[47] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Antoine Grima***
[48] *Ibid* paġ. 434 tal-proċess
[49] Ara paġ. 63 tal-proċess

taċċetta li, ladarba l-imħarrka ammettiet is-serq jew teħid fuq xi oġġetti partikolari, allura l-attur jista' jistrieħ fuq dik l-ammissjoni u ma jipprova xejn aktar. Lanqas ma tista' taċċetta li l-ammissjoni fuq ħwejjeġ partikolari tissarraf awtomatikament fi stqarrija ta' kulma l-attur isemmi fil-lista mehmuża mar-Rikors Maħluf, liema lista ttellgħet bl-eżerċizzju tal-i*stock-taking* wara li l-attur kien diġa' temm l-impieg tal-imħarrka. Hawnhekk tgħodd ħafna l-massima li "*actore non probante reus absolvit*";

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi l-attur ma seħħlux juri li għandu jedd illi jitlob b'kumpens il-ħlas tas-somma kollha li jsemmi fit-tieni talba tiegħu, iżda jista' jressaq it-talba appożita sabiex jista' jiġbor lura l-oġġetti msemmija wara li tingħalaq din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament għall-oġġetti tal-ġojjellerija illi mill-istħarriġ tal-Pulizija jirriżultaw misruqa mill-imħarrka;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma seħħlux iressaq provi tajbin biżżejjed biex il-Qorti tasal li tordna l-ħlas lilu tas-somma minnu mitluba f'dik it-talba, bla ħsara tal-jedd tal-istess attur li jressaq it-talba xierqa sabiex jirtira minn taħt l-awtorita' tal-Qorti l-oġġetti li tressqu fl-atti ta' din il-kawża;

**Tilqa` l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet** tal-imħarrka; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Novembru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**30 ta' Novembru, 2016**